# WARA L-ANESTESIJA

*Ta'* George Zammit

Dlam.
Holma ta' dawl tidher u tgħib;
U l-qalb u r-ruħ
—Agħma jmexxi agħma—
Jaħbtu ma' swar ta' dlam
Dlam
Dlam.

Jien għajjattlek, Mulej; m'intix tismagħni?
Taħbix wiċċek; le, le, tħallinix negħreq
Bħal min għereq fil-bir tad-dlamijiet.
Hobżi l-irmied,
Xorbi ħallatt mad-dmugħ.
Mitfugħ
Fil-mewt tad-dlamijiet, jista' l-qaddej
Ifaħħrek, ja Mulej?
Il-qalb u r-ruħ
—Agħma jmexxi agħma—
F'dinja mudlama
Joħolmu d-dawl. Mulej, m'intix tismagħni?
Lamma
Lamma
Lamma sabaqtani!

Ringiela dawl tidher, u jien
Irrid naħtafha
Kif jaħtaf sifja
Min qiegħed jegħreq.
Iżda bħal ħolma
Ta' ġid għar-rgħib
Tidher u tgħib.

Imlejt ruħi bil-ħolm.
Ġrejt wara leħħa ta' tbissima,
Ridt nittajjar bħal anġlu; iżda bħal bhima
Tmegħekt fit-tajn, u doqt l-imrar tal-ġandar
Ma' l-iben ħali.

Bnejt fuq ir-ramel; ħlief il-baħħ u ċ-ċpar
Kollox tmermer u tar.
U leħen qalli: "Kul il-ġandar, kul!
M'hemmx tħassir għall-magħmul.

U ebda xemx
Ma ddawwal dlam l-infern :
M'hemmx, m'hemmx!''

Bħal ħuta li tfittex, imweġġgħa
Il-leħħa tad-dawl, imbagħad 'l isfel
Togħdos ħa ttaffi l-uġigħ f'bews id-dlam,
Qalbi qed tinseġ
Bejn mewt u ħajja
Għanqbuta ħolm kollha dmugħ imniddija.
U bħal Lazzru tixxennaq
Għall-mejda tal-Għani,
U tolfoq, u ssamma'
Leħenha : Lamma
Lamma
Lamma sabaqtani!

Jidhru f'sakra ta' żfin
Dlam u dawl u dawl u dlam
Mitlufin.
Ileħħu u jgħibu
Fuq xefaq ruħi wċuh il-maħbubin.
Hena u niket
F'bewsa ltaqgħu :
Kollox siket
Hlief it-talb
Jitla' u jinżel, jibki u jifraħ mat-tertiq ta' ħbit il-qalb.
Mat-tressiq u mat-tbegħid
Tal-imrar tal-Agunija,
Tat-tbissim ta' Sebħ il-Għid.

Hassejt ħarstek, Mulejja,
Tberred il-ħruq tad-deni fuq ħaddejja.
M'għadux sfiq
Leħen l-ilfiq.
F'bewsa ltaqgħu
Hena u niket :
Kollox,
Kollox,
Kollox siket.

Jannar, 1963, wara operazzjoni.
Sptar ta' San Luqa,